



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2010/2088(INI)

27.10.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-PDG u lil hinn minnu – Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel
(2010/2088(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Nirj Deva

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-kunċett ta' "tkabbir", li jirreferi għal kejl ekonomiku kwantitattiv, m'għandux jiġi konfuż mal-"iżvilupp", li jirreferi għal kriterji kwalitattivi u jikkomprenedi l-kwalità tal-ħajja u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ġħajxien (il-kwalità tal-ambjent, is-saħħa, l-edukazzjoni, ir-ridistribuzzjoni ġusta tad-dħul, il-konnessjonijiet soċjali, eċċ.); għaldaqstant ihegġegħ lill-UE ma ssegwix sempliċi politika ta' żvilupp "orjentata lejn it-tkabbir";
2. Jenfasizza li l-korrelazzjoni bejn il-benessri u l-PDG mhijiex awtomatika imma kundizzjonali, minħabba li l-PDG jeskludi firxa ta' attivitajiet li mhumiex tas-suq (bħalma huma l-kura tat-ftal, il-kura tax-xjuħ u l-morda, eċċ.) u li jaffettwaw il-benessri; jinnota wkoll li jekk il-benessri u l-PDG jimxu id f'id fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, hemm ukoll każijiet fejn il-politiki jistgħu jikkontribwixxu għall-benessri filwaqt li jnaqqsu r-rata ta' tkabbir, bħalma huwa l-każ fil-konservazzjoni tal-ekosistema tal-foresti; jemmen għaldaqstant li, fi qbil mal-objettiv tal-koerenza tal-politika ta' żvilupp, jeħtieġ li jkun hemm indikaturi alternattivi għall-PDG biex jagħtu stampa rappreżentattiva tal-kundizzjonijiet ekonomiċi, il-kundizzjonijiet soċjali u ambjentali;
3. Jittama li l-proposta tal-Kummissjoni li jkun hemm il-kejl tal-prestazzjoni fuq indikaturi kemm ambjentali u kemm purament ekonomiċi se tkun kompatibbli u konsistenti mal-inizjattivi globali diġà eżistenti, bħalma huwa l-Indiċi ta' Żvilupp Uman tan-NU;
4. Ifakkar li l-PDG mhuwiex kejl tajjeb tal-benessri; jistenna li l-ispostament tal-attenzjoni lejn indikaturi usa' u aktar sostenibbli twassal ukoll għall-ġħoti ta' aktar attenzjoni sistemika għal fatturi soċjali u ambjentali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inklużi t-tibdil fil-klima, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-governanza, u b'hekk l-politiki ta' żvilupp ikunu jistgħu jilħqu l-popolazzjoni l-aktar fil-bżonn u żvantaġġati; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Kontijiet Nazzjonali jiġu estiżi biex ikopru l-kwistjonijiet ambjentali u soċjali biex din il-ġabra ta' indikaturi tkun tista' taħdem b'mod adegwat;
5. Jilqa' l-inizjattiva oltre l-PDG meħuda mill-istituzzjonijiet Ewropej li ma jibqax ikun hemm limiti għall-mod li bih jitkejjel il-ġid tan-nazzjonijiet u l-benessri taċ-ċittadini;
6. Biħsiebu jimmonitorja mill-qrib kull strument ġdid ħalli jiżgura li ma jwassal għall-ebda riduzzjoni fl-ġħajnuna għall-iżvilupp, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-impenn tal-UE li tonfoq 0.7% tal-PGD fuq l-iżvilupp sal-2015.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	26.10.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Michael Cashman, Véronique De Keyser, Nirj Deva, Charles Goerens, Catherine Grèze, Enrique Guerrero Salom, András Gyürk, Eva Joly, Filip Kaczmarek, Franziska Keller, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Bill Newton Dunn, Birgit Schnieber-Jastram
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Horst Schnellhardt, Bart Staes
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Eider Gardiazábal Rubial, Anna Ibrisagic, Miroslav Mikolášik